PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0185/2012

5.6.2012

***I
RAPPORT

dwar l-abbozz ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda il-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-Anness I tiegħu
(02074/2011 – C7-0090/2011 – 2011/0901A(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteur: Alexandra Thein

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b'tipa ***grassa u korsiva.*** Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b'tipa **grassa**. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: **[...]**.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....5

NOTA SPJEGATTIVA 14

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS.....18

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET KOSTITUZZJONALI 24

PROĊEDURA 37

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-abbozz ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda il-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-Anness I tiegħu (02074/2011 – C7-0090/2011 – 2011/0901A(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra t-talba tal-Qorti tal-Ġustizzja ppreżentata lill-Parlament u lill-Kunsill (02074/2011),

– wara li kkunsidra l-ewwel u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 257 u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 281 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li skont it-termini tagħhom ġie ppreżentat l-abbozz tal-att lill-Parlament (C7-0090/2011),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(4) u (15) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni (COM(2011)0596),

– wara li kkunsidra l-ittra tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Mejju 2012,

– wara li kkunsidra l-ittra tal-Kummissjoni tat-30 ta' Mejju 2012,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Baġits u l-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A7-0185/2012),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari kif tinstab hawn hekk;

2. Jinnota li, fid-dawl tat-tiġdid parzjali tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-7 ta' Ottubru 2012 u l-bżonn urġenti li tinstab soluzzjoni li jiggarantixxi l-funzjonament tajjeb tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, huwa neċessarju li l-emendi proposti tal-Istatut dwar il-Qorti tal-Ġustizzja, dwar l-organizzazzjoni tal-Qorti Ġenerali u dwar it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jiġu adottati mingħajr aktar dewmien, kif irrimarka l-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fl-ittra tiegħu tat-8 ta' Mejju 2012;

3. Jirriżerva d-dritt tiegħu li jeżamina l-parti tat-talba dwar il-kompożizzjoni tal-Qorti Ġenerali mressqa mill-Qorti tal-Ġustizzja fi stadju ulterjuri;

4. Jirriżolva li jinżamm dibattitu fil-Parlament fil-futur qarib dwar il-merti tal-introduzzjoni tal-possibbiltà li jinħarġu opinjonijiet kuntrarji fil-Qorti tal-Ġustizzja;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Qorti tal-Ġustizzja, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

EMENDI MILL-PARLAMENT EWROPEW*

għall-Abbozz ta' Att

REGOLAMENT (EU, EURATOM) Nru …/2012
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta'

li jemenda l-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-Anness I tiegħu

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkonsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel u t-tieni paragrafi tal-Artikolu 257 u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 281 tiegħu,

Wara li kkonsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a(1) tiegħu,

Wara li kkonsidraw it-talba tal-Qorti tal-Ġustizzja [1],

Wara li kkonsidraw l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea [2],

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja [3],

---

* Emendi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u grassa; ; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ▌.

1 Talba tat-28 ta' Marzu 2011 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

2 Opinjoni tat-30 ta' Settembru 2011 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

3 Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' ... (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill ta' ....

Billi:

(1) Sabiex tissaħħaħ il-parteċipazzjoni tal-Imħallfin kollha fid-deċiżjonijiet tal-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja, għandu jiżdied in-numru ta' Mħallfin li jistgħu jipparteċipaw f'dan il-kulleġġ ġudikanti, u l-parteċipazzjoni sistematika tal-Presidenti ***kollha*** tal-awli b'ħames Imħallfin għandha titneħħa.

(2) Il-kworum tal-Awla Manja u tas-seduta plenarja għandu jiġi adattat bħala konsegwenza.

(3) Iż-żieda fl-ammont ta' xogħol tal-***Presidenti*** tal-Qorti tal-Ġustizzja ***u tal-Qorti Ġenerali*** teżiġi li tiġi istitwita ***f'kull waħda minn dawn il-qrati*** l-pożizzjoni ta' Viċi President inkarigat li jassisti lill-President fl-eżerċizzju tal-kompiti tiegħu.

(5) Wara ż-żieda gradwali tal-kompetenzi tagħha minn mindu ġiet ikkostitwita, in-numru ta' kawżi li qed jitressqu quddiem il-Qorti Ġenerali qed jikber b'mod kostanti.

(6) In-numru ta' kawżi mressqa quddiem il-Qorti Ġenerali huwa ikbar min-numru ta' kawżi deċiżi minnha kull sena, liema fatt għandu bħala konsegwenza żieda sinjifikattiva fin-numru ta' kawżi pendenti quddiemha u żieda fit-tul tal-proċeduri.

(7) ***Hemm il-bżonn kontinwu li jiġi indirizzat id-dewmien li jirriżulta mill-volum ta' xogħol kbir tal-Qorti Ġenerali, u għalhekk għandha ssir ħidma sabiex jiġu adottati miżuri xierqa qabel it-tiġdid parzjali tal-membri ta' din il-qorti fl-2013.***

(7a) Fid-dawl tat-tiġdid parzjali tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-7 ta' Ottubru 2012, u kif intqal fl-ittra tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat-8 ta' Mejju 2012, għall-ewwel għandhom jiġu adottati biss l-emendi għall-Istatut dwar l-organizzazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali, b'mod li l-eżami tal-parti tat-talba dwar il-kompożizzjoni tal-Qorti Ġenerali mressqa mill-Qorti tal-Ġustizzja ssir fi stadju ulterjuri.

(7b) Fid-dawl tal-urġenza sabiex tinsab soluzzjoni li tiżgura l-funzjonament tajjeb tiegħu, l-emendi li jirrigwardaw it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku għandhom jiġu adottati flimkien mal-emendi li jirrigwardaw il-Qorti tal-Ġustizzja.

(10) Sabiex il-qrati speċjalizzati jkunu jistgħu jkomplu jiffunzjonaw b'mod sodisfaċjenti fl-assenza ta' Mħallef li, għalkemm ma jkunx qed ibati minn diżabilità li titqies bħala totali, ma jkunx jista' jipparteċipa fil-qtugħ tal-kawżi għal żmien twil, għandha tiġi prevista l-possibbiltà li jiżdiedu Mħallfin *ad interim* ma' dawn il-qrati.

(11) Il-Protokoll (Nru 3) dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-Anness I tiegħu għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Protokoll (Nru 3) dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea qiegħed jiġi emendat kif ġej:

(1) Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

'***Artikolu 9a***

L-Imħallfin għandhom jaħtru minn fosthom il-President u l-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja. Il-mandat tagħhom jista' jiġi mġedded.

Il-Viċi President għandu jassisti lill-President ***skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regoli tal-Proċedura***. Huwa għandu jissostitwih fil-każ ta' impediment ***jew*** fil-każ li l-presidenza tkun vakanti ▌.'

(2) It-tieni paragrafu tal-Artikolu 16 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'L-Awla Manja tikkonsisti fi ħmistax-il Imħallef. Din tkun presjeduta mill-President tal-Qorti. Jagħmlu parti ta' l-Awla Manja l-Viċi President ***tal-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll, skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regoli tal-Proċedura, tliet Presidenti ta' l-awli b'ħames Imħallfin*** u Mħallfin oħra ▌.'

(3) It-tielet u r-raba' paragrafi tal-Artikolu 17 huma sostitwiti b'dan li ġej:

'Id-deċiżjonijiet ta' l-Awla Manja jkunu validi biss jekk l-Imħallfin preżenti jkunu ħdax.

Id-deċizjonijiet tal-Qorti f'seduta plenarja jkunu validi biss jekk ikun hemm sbatax-il Imħallef preżenti.'

(4) Ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 20 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'Il-proċedura orali tikkonsisti fis-smigħ mill-Qorti ta' aġenti, konsulenti u avukati, u fil-preżentazzjoni tal-konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali, kif ukoll fis-smigħ, jekk ikun il-każ, ta' xhieda u periti.'

(5) It-tieni paragrafu tal-Artikolu 39 huwa sostitwit b'dawn iż-żewġ paragrafi li ġejjin:

'***Is-setgħat imsemmija fl-ewwel paragrafu jistgħu, skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regoli tal-Proċedura, jiġu eżerċitati mill-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja.***

F'każ ta' impediment tal-President ***u tal-Viċi President***, ***huma jiġu sostitwiti*** minn Imħallef ieħor skond ***il-***kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regoli tal-Proċedura.'

(6a) L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9, l-Artikolu 9a, l-Artikoli 14 u 15, l-ewwel, it-tieni, ir-raba' u l-ħames paragrafi tal-Artikolu 17 u l-Artikolu 18 għandhom japplikaw għall-Qorti Ġenerali u għall-membri tagħha.'

(8) Fl-Artikolu 62c, għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

'Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 257 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jistgħu jżidu Mħallfin *ad interim* mal-qrati speċjalizzati sabiex jissostitwixxu l-Imħallfin assenti li, għalkemm ma jkunux qed ibatu minn diżabilità li titqies bħala totali, ma jistgħux, għal żmien twil, jipparteċipaw fil-qtugħ tal-kawżi. F'dan il-każ, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jistabbilixxu l-kondizzjonijiet li fihom l-Imħallfin *ad interim* jinħatru, id-drittijiet u l-obbligi tagħhom, il-modalitajiet li jirregolaw l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom u ċ-ċirkostanzi li fihom jieqfu jeżerċitaw tali funzjonijiet.'.

Artikolu 2

Fl-Artikolu 2 tal-Anness I tal-Protokoll (Nru 3) dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, it-test eżistenti għandu jsir il-paragrafu 1 u għandu jiddaħħal il-paragrafu 2 li ġej:

‘2. Għandhom jiżdiedu Mħallfin *ad interim* ma’ l-Imħallfin imsemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 sabiex jissostitwixxu l-Imħallfin li, għalkemm ma jkunux qed ibatu minn diżabilità li titqies bħala totali, ma jistgħux, għal żmien twil, jipparteċipaw fil-qtugħ tal-kawżi.’

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar ta’ wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-punti 1, 2, 3, 5 ***u 6a*** tal-Artikolu 1 ***jsiru applikabbli*** fid-data tal-ewwel sostituzzjoni parzjali, imsemmija fl-Artikolu 9 tal-Protokoll (Nru 3) dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea .

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi …, fi …

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

NOTA SPJEGATTIVA

Sfond

Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreżentat proposti għall-emendar tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-Anness I.

(1) Il-proposti dwar il-Qorti tal-Ġustizzja

Il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li għandha tistabbilixxi l-kariga ta' Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja u li temenda r-regoli dwar il-kompożizzjoni tal-Awla Manja.

L-istruttura preżenti tal-Awla Manja u r-regoli ta' ħidma tagħha – kworum ta' disa' Mħallfin flimkien mal-parteċipazzjoni, fil-kawżi kollha tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Presidenti tal-Awli b'ħames Imħallfin, – huma r-riżultat tal-emendi introdotti mit-Trattat ta' Nizza, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2003. Sa minn dan iż-żmien, kien hemm għadd ta' bidliet li laqtu ħidmet il-Qorti: (i) l-adeżjoni ta' 12-il Stat Membru ġdid; (ii) it-tranżizzjoni minn żewġ Awli għal tlieta ta' ħames Imħallfin f'Mejju 2004 u għal erba' Awli ta' ħames Imħallfin f'Ottubru 2006; (iii) l-introduzzjoni tal-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari f'Marzu 2008; u (iv) l-introduzzjoni tal-proċedura ta' reviżjoni wara t-twaqqif tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.

Attwalment, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-Presidenti tal-Awli b'ħames Imħallfin għandhom ammont kbir ta' xogħol, filwaqt li Mħallfin oħra jipparteċipaw f'numru relattivament żgħir ta' kawżi assenjati lill-Awla Manja.

Il-proposta tiddisponi kif ġej: (a) il-parteċipazzjoni iktar estiża tal-Imħallfin fil-kawżi assenjati lill-Awla Manja, li tippermettilhom li jkunu preżenti b'mod iktar frekwenti minn bħalissa Dan ir-riżultat jinkiseb billi jiġu emendati l-Artikoli 16 u 17 tal-Istatut ħalli jittella' għal ħmistax il-għadd ta' mħallfin li jifformaw l-Awla Manja u ħalli tintemm il-parteċipazzjoni awtomatika tal-Presidenti tal-Awli b'ħames Imħallfin fil-kawżi tal-Awla Manja. Ikollhom isiru aġġustamenti korrispondenti għar-regoli dwar il-kworum tal-Awla Manja u tas-seduta plenarja; (b) l-istabbiliment tal-kariga ta' Viċi President: dan ikun jipparteċipa, bħall-President tal-Qorti, f'kull kawża assenjata lill-Awla Manja. Din il-preżenza permanenti ta' żewġ persuni, flimkien ma' parteċipazzjoni iktar frekwenti tal-Imħallfin l-oħra fix-xogħol tal-Awla Manja, ser tippermetti li tiġi żgurata l-koerenza tal-ġurisprudenza tagħha. Minbarra l-parteċipazzjoni tiegħu fil-kawżi kollha tal-Awla Manja, il-Viċi President għandu wkoll il-kompitu li jassisti lill-President tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-funzjonijiet tiegħu.

(2) Il-proposti dwar il-Qorti Ġenerali

Għal diversi snin, in-numru ta' kawżi deċiżi mill-Qorti Ġenerali kien qed ikun inqas min-numru ta' kawżi mressqa, filwaqt li n-numru ta' kawżi pendenti qed jiżdied b'mod kostanti. Bejn l-1 ta' Jannar u t-12 ta' Ottubru 2011, tressqu 572 kawża u nqatgħu 549. Fit-12 ta' Ottubru 2011, kien hemm 1 323 kawża pendenti. Jekk isir paragun, jinstab li bejn l-1 ta' Jannar u t-12 ta' Ottubru 2011, tressqu 514 kawża u nqatgħu 401. Fit-12 ta' Ottubru 2010, kien hemm 1 304 kawża pendenti.

Dan juri – minkejja li paragun bejn sena u oħra hu diffiċli li jsir - l-ewwel nett li l-għadd ta' kawżi mressqa kulma jmur qiegħed joktor (58 jew 11.3% aktar apparagun mal-istess data fl-2010). It-tieni nett, il-produttività tal-Qorti żiedet (37% jew 148 kawża aktar apparagun tal-istess data fl-2010). It-tielet nett, il-għadd ta' kawżi pendenti jkompli jiżdied (żieda ta' 19). Konsegwentement, minkejja l-isforzi sostanzjali tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax tlaħħaq. Barra minn hekk, dak li ċ-ċifri ma jindikawx huwa l-għadd ta' rikorsi għall-użu tal-proċedura mħaffa jew in-numru ta' talbiet għal miżuri provviżorji. It-tnejn li huma jieħdu ħafna riżorsi.

Bħala illustrazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li l-proċessi tal-kawżi li qed jiġu eżaminati jokkupaw 505 metri ta' xkaffar.

Iż-żieda preżenti fix-xogħol hija dovuta (i) għad-devoluzzjoni tal-ġurisdizzjoni, sa mill-2004, li jiġu deċiżi ċerti klassijiet ta' azzjoni jew proċedimenti mressqa mill-Istati Membri; (ii) għaż-żieda fil-litigazzjoni wara l-adeżjonijiet tal-2004 u l-2007; (iii) għal-litigazzjoni kkaġunata miż-żieda, riżultanti mill-integrazzjoni Ewropea akbar, fil-għadd u l-varjetà ta' atti leġiżlattiva u regolatorji tal-istituzzjonijiet, kopri, uffiċċji u aġenziji tal-UE, u (iv) iż-żieda fil-litigazzjoni marbuta mal-applikazzjonijiet għal trade marks Komunitarji. Huwa nnotat li bosta mill-azzjonijiet li qed ikabbru x-xogħol tal-Qorti tal-Ġustizzja ma kinux previsti.

Mhux il-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja baqgħet inattiva meta affrontata b'dan ix-xogħol kollu. Ir-Regoli ta' Proċedura tagħha kienu emendati biex jippermettulha tiddispensa mill-proċedura orali f'kawżi relatati ma' proprjetà intellettwali, filwaqt li tikkjarifika l-istatus tal-intervenjenti f'kawżi bħal dawn, billi jippermettulha tittrattahom b'aktar ħeffa.

It-tieni nett, fl-2007 il-Qorti tal-Ġustizzja għażlet li torganizza ruħha fi tmien formazzjonijiet differenti, flimkien ma' awla tal-appelli. Hija daħħlet ukoll sistema ta' ġestjoni dinamika tal-kawżi. It-tielet nett, ir-rapport għas-seduta issa qed jiġi prodott f'forma sommarja għall-kawżi kollha. Ir-raba' nett, il-President jista' issa jalloka kawżi ġodda lill-awli li ġa qed jittrattaw kawżi oħrajn li jqajmu kwisjonijiet ġuridiċi simili. Il-ħames nett, iddaħħlu metodi ġodda għar-redazzjoni tas-sentenzi u d-digrieti, u s-sitt nett, iddaħħlu applikazzjonijiet kompjuterizzati ġodda ta' prestazzjoni għolja li jippermettu dokumentazzjoni disponibbli instantanjament u skambji rapidi bejn kabinett u ieħor u bejn il-kabinetti, ir-reġistru u d-dipartimenti varji tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Il-Qorti tal-Ġustizzja temmen li hija meħtieġa b'mod urġenti soluzzjoni strutturali. It-Trattati joffru żewġ rotot possibbli għar-riforma:
(a) it-twaqqif ta' qrati speċjalizzati b'ġurisdizzjoni li jisimgħu u jiddeterminaw azzjonijiet diretti f'qasam speċifiku, skont it-termini tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 257 TFUE. Il-qasam tal-proprjetà intellettwali ġie kkunsidrat f'dan ir-rigward; (b) iż-żieda fl-għadd ta' Mħallfin tal-Qorti Ġenerali permezz ta' emenda għall-Artikolu 48 tal-Istatut skont il-mekkaniżmu li hemm dispost għalih fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 281 TFUE.

Wara li analizzat fit-tul iż-żewġ possibbiltajiet, il-Qorti tal-Ġustizzja waslet għall-konklużjoni li żieda fin-numru ta' Mħallfin hija għażla ħafna aħjar mill-kostituzzjoni ta' qorti speċjalizzata fil-qasam tal-proprjetà intellettwali. Ir-raġunijiet huma marbuta mal-effettività tas-soluzzjoni proposta, mal-urġenza tas-sitwazzjoni, mal-flessibbiltà tal-miżura proposta, kif ukoll mal-

koerenza tad-dritt tal-Unjoni Ewropea.

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja hija tal-fehma, li żieda fl-għadd ta' Mħalfin ta' mill-inqas tnax, b'mod li jkun hemm disgħa u tletin Imħallef mal-Qorti Ġenerali, hija neċessarja.

Il-Kumitat iqis li l-argumenti mressqin mill-Qorti tal-Ġustizzja huma perswassivi. Madankollu, anki jekk hemm, fil-prinċipju, ftehim biex jiżdied in-numru ta' Mħallfin fil-Qorti Ġenerali, għadu ma ġiex stabbilit metodu għall-ħatra tagħhom. Il-Kumitat għalhekk mhux qed jeżamina dan l-aspett tat-talba ppreżentata mill-Qorti tal-Ġustizzja f'dan l-istadju u b'hekk huwa ħassar il-partijiet rilevanti tat-test sabiex jaqsam it-talba fi tnejn. Il-Kumitat iqis li l-partijiet li baqa' tat-talba ppreżentata mill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-Qorti Ġenerali għadhom pendenti u jirriżerva d-dritt tiegħu li jeżaminahom fi stadju ulterjuri bil-għan li jadottahom f'regolament separat.

(3) L-opinjoni tal-Kummissjoni

Il-Kumitat aċċetta l-biċċa l-kbira mir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni. Madankollu, temmen li ma jkunx għaqli li jkun rikjest mill-Qorti tal-Ġustizzja li toħloq mill-anqas żewġ awli speċjalizzati oħra. Tħoss li dan ikun riġidu wisq. Tippreferi tħalli l-possibilità lill-Qorti tal-Ġustizzja li toħloq tali awli fir-Regoli ta' Proċedura tagħha. Inoltre, hija konxja li l-Qorti diġà għandha s-setgħa talloka kawżi tal-istess natura lil awla speċjalizzata waħda jew aktar.

27.1.2012

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimmodifika l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
(02074/2011- C7-0090/2011- 2011/0901(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Angelika Werthmann

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

B'żewġ rikjesti fit-28 ta' Marzu 2011, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea pproponiet diversi emendi għall-Istatut tagħha, kif ukoll l-adozzjoni ta' regolament dwar Imħallfin ad interim tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku. Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, dawn l-emendi għandhom għall-ewwel darba jiġu adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill bil-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

L-emendi proposti jikkonċernaw fuq livelli differenti lit-tliet qrati li attwalment jiffurmaw il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea: Il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti Ġenerali kif ukoll it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.

Minbarra emendi fil-kontenut, iż-żewġ proposti jikkonċernaw tibdil u/jew żieda fil-persunal, li se jirrikjedi riżorsi addizzjonali u għaldaqstant jikkonċerna direttament il-baġit tal-UE:

1. L-istabbiliment tal-funzjoni ta' Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja

Il-Qorti tal-Ġustizzja qed tipproponi l-istabbiliment tal-funzjoni addizzjonali ta' Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

a. Ġustifikazzjoni:
Il-Qorti tal-Ġustizzja tisħaq li l-volum tax-xogħol tal-President tagħha żdied ħafna maż-żmien, u għalhekk jidher xieraq jekk dan fil-futur ikun jista' jiġi sostitwit jew megħjun minn Viċi President fil-qadi ta' dmirijietu.

Il-President tal-Qorti jwettaq diversi kompiti, li huma kruċjali sabiex din tiffunzjona tajjeb. Primarjament huwa responsabbli għat-twettiq tal-proċeduri għal miżuri interim u għall-proċeduri ta' appell kontra miżuri interim. Ġara li appelli li tressqu kontra deċiżjonijiet tal-

Qorti Ġenerali dwar miżuri interim ġew ittrattati wara aktar minn sena. L-istabbiliment tal-kariga ta' Viċi President għandu jtejjeb is-sitwazzjoni f'dan ir-rigward.

b. Impatt baġitarju:
Skont informazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja, il-ħolqien tal-funzjoni ta' Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja se jwassal għal spejjeż addizzjonali ta' EUR 38 000 fis-sena. Dawn l-ispejjeż jinkludu tibdil fis-salarju, bonusijiet u allowances ta' rappreżentanza.

2. Żieda tal-għadd tal-Imħallfin fil-Qorti Ġenerali għal 12

a. Ġustifikazzjoni:
Il-Qorti tal-Ġustizzja tisħaq li minn xi snin ilu, l-iżbilanċ bejn in-numru ta' kawżi ttrattati mill-Qorti Ġenerali u dak ta' proċeduri ġodda li jintlaqgħu qiegħed dejjem jikber, u li n-numru ta' kawżi mhux ittrattati qiegħed dejjem jogħla. Fl-aħħar tal-2010 kien hemm 1 300 kawża pendenti, filwaqt li matul dik is-sena ġew ittrattati 527 kawża. Bejn l-2004 u l-2010, it-tul medju ta' proċedura żdied minn 20.9 xhur għal 27.2 xhur. Bejn l-2000 u l-2010, in-numru ta' kawżi ġodda żdied b'65%. Il-Qorti tal-Ġustizzja tipprevedi li fil-futur, in-numru ta' proċeduri kull sena se jkompli jiżdied:

Wara valutazzjoni bir-reqqa, il-Qorti ddeċidiet li tipproponi żieda fin-numru ta' Imħallfin, billi dan huwa l-uniku mod kif jistgħu jintlaħqu l-effiċjenza, l-urġenza, il-flessibilità u l-konsistenza li huma strettament neċessarji għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

b. Impatt baġitarju:
Iż-żieda proposta ta' 12-il Imħallef, inklużi l-pożizzjonijiet ġodda għall-persunal, l-għamara, eċċ. neċessarji għal dawn l-Imħallfin se twassal għal spejjeż addizzjonali ta'
EUR 16 052 miljun fl-ewwel sena, u għal spejjeż addizzjonali ta' EUR 13 652 miljun fis-snin sussegwenti.

L-istima tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-baġit 2012, jiġifieri ż-żmien meta għandu jidħol fis-seħħ l-Istatut emendat, tipprevedi baġit totali ta' madwar EUR 354 miljun.

Iż-żieda fin-numru ta' Mħallfin fil-Qorti Ġenerali proposta mill-Qorti tal-Ġustizzja għandha tammonta għal żieda ta' madwar 3.8% fil-baġit annwali tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'sena sussegwenti. F'każ li l-Parlament u l-Kunsill japprovaw l-emenda proposta għall-Istatut, l-ispejjeż addizzjonali li jinħolqu fis-sena 2012 ikollhom jiġu rregolati minn baġit supplimentari.

c. Rakkomandazzjoni:
Ir-rapporteur hija konxja mill-konsegwenzi tal-proposti tal-Qorti tal-Ġustizzja fuq il-baġit tal-Unjoni, b'mod partikulari fid-dawl tas-sitwazzjoni ekonomika diffiċli attwali fil-parti l-kbira tal-Istati Membri, kif ukoll ir-restrizzjonijiet kbar tal-baġit tal-UE. Madankollu, għandu jkun innutat li, min-naħa waħda, l-għoti ta' protezzjoni effettiva mill-qrati, inkluż l-għoti ta' sentenzi tal-qorti f'perjodu raġonevoli, huwa ta' importanza kbira, u li min-naħa l-oħra, il-konsegwenzi ekonomiċi negattivi ta' ġustizzja ineffiċjenti, anki jekk dawn mhumiex daqshekk evidenti daqs żieda fil-baġit, ċertament jikkawżaw aktar spejjeż minn din tal-aħħar.

****

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jipproponi li l-Parlament Ewropew jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari billi jagħmel tiegħu t-talba tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Nefqa addizzjonali relatata mal-kostituzzjoni ta' pożizzjoni ta' Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja

	Baži fix-xahar		Allowances mixxellanji	Impatt fix-xahar	Impatt fi tnax-il xahar	Total arrotondat
Remunerazzjoni						
Salarju bażiku ta' AD16/3	18.370,84					
Baži ta' remunerazzjoni ta' Mħallef (112.5 % tas-SBA ta' AD16/3)	20.667,20					
Baži ta' remunerazzjoni ta' Viċi President (125 % tas-SBA ta' AD16/3)	22.963,55					
	Differenza	2.296,36	505,20	2.801,55	33.618,64	34.000
Allowances għal attivitajiet soċjali						
Allowances ta' Mħallef	607,71					
Allowances ta' Viċi President	911,38					
	Differenza	303,67		303,67	3.644,04	4.000
				Impatt totali fi tnax-il xahar		38.000

ANNESS Tabella rikapitulattiva tal-nefqa għal tnax-il lmħallef ġdid, l-uffiċċju tagħhom u l-persunal tar-Reġistru tal-Qorti Ġenerali

Nefqa

Titoli u kapitoli tal-baġit	Deskrizzjoni		Nefqa unitarja	Nefqa unitarja addizzjonali fl-ewwel sena	Numru	Nefqa f'sena ta' operat	Nefqa addizzjonali fl-ewwel sena	Nefqa totali u nefqa addizzjonali (fl-ewwel sena ta'
Titolu 1								
Kapitolu 10	Membri							
		Remunerazzjonijiet	(ara l-Anness mehmuż)		12	3.555.000		3.555.000
		Allowances ta' installazzjoni		49.167	12		590.004	590.004
		Subtotal				*3.555.000*	*590.004*	*4.145.004*
		Missjonijiet	3.250		12	39.000		39.000
		Taħriġ	4.200	5.250	12	50.400	63.000	113.400
		Subtotal				*89.400*	*63.000*	*152.400*
		Total Kapitolu 10				**3.644.400**	**653.004**	**4.297.404**
							Arrotondat għal	**4.298.000**
Kapitolu 12	Persunal tal-uffiċċji							
		Remunerazzjonijiet	(ara l-Anness mehmuż)		60	7.442.000		7.442.000
		Allowances ta' installazzjoni		10.550	60		633.000	633.000
		Subtotal				*7.442.000*	*633.000*	*8.075.000*
	Persunal tar-Reġistru							
		Remunerazzjonijiet	(ara l-Anness mehmuż)		*18*	1.168.000		1.168.000
		Allowances ta' installazzjoni		10.550	*18*		189.900	189.900
		Subtotal				*1.168.000*	*189.900*	*1.357.900*
		Total Kapitolu 12				**8.610.000**	**822.900**	**9.432.900**
							Arrotondat għal	**9.433.000**
Kapitolu 16	Nefqa oħra relatata mal-persunal							
		Taħriġ	825	1.031	78	64.350	80.438	144.788
		Missjonijiet	170		78	13.260		13.260
		Soċjali	1.320		78	102.960		102.960
		Subtotal				*180.570*	*80.438*	*261.008*
		Total Kapitolu 16				**180.570**	**80.438**	**261.008**
							Arrotondat għal	**262.000**
	Total tat-Titolu 1					**12.434.970**	**1.556.342**	**13.991.312**
							Arrotondat għal	**13.992.000**
Titolu 2								
Kapitolu 20	Bini					610.867		610.867
Kapitolu 21	Informatika		2.500	3.317	90	225.000	298.530	523.530
	Għamara							
		Membri		25.500	12		306.000	306.000
		Persunal		2.410	78		187.980	187.980
	Tagħmir u istallazzjonijiet tekniċi		140	71	90	12.582	6.429	19.011
	Karozzi	Membri	21.917		12	263.000		263.000
		Subtotal Kapitolu 21				*500.582*	*798.939*	*1.299.521*
Kapitolu 23	Kartolerija u provvisti tal-uffiċċju							
		Membri	1.644	288	12	19.732	3.456	23.188
		Persunal	973	50	78	75.920	3.900	79.820
	Togi għall-Membri u għall-Amministraturi tar-Reġistru			550	18		9.900	9.900
		Subtotal Kapitolu 23				*95.652*	*17.256*	*112.908*
Kapitolu 27	Pubblikazzjoni		900	2.200	12	10.800	26.400	37.200
	Total tat-Titolu 2					**1.217.901**	**842.595**	**2.060.496**
							Arrotondat għal	**2.061.000**
	Total ġenerali					**13.652.871**	**2.398.936**	**16.051.807**
							Arrotondat għal	**16.052.000**

Dħul

Kapitolu 40	Taxxi u tnaqqis mixxellanji (dħul mit-taxxa u mill-imposta speċjali fuq ir-remunerazzjonijiet)	1.649.000
Kapitolu 41	Kontribuzzjoni għall-iskemi tal-pensjoni	756.000
	Total dħul	**2.405.000**
	Impatt nett fuq il-baġit	**13.647.000**

PROĊEDURA

Titolu	Proposal for a regulation of the European Parliament and of the Council amending the Statute of the Court of Justice of the European Union
Referenzi	02074/2011 – C7-0090/2011 – 2011/0901(COD)
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 7.4.2011
Kumitat(i) assoċjat(i) Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 29.9.2011
Data tal-adozzjoni	25.1.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 29 –: 2 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Reimer Böge, Lajos Bokros, Jean-Luc Dehaene, Göran Färm, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazábal Rubial, Salvador Garriga Polledo, Jens Geier, Ivars Godmanis, Carl Haglund, Jutta Haug, Monika Hohlmeier, Anne E. Jensen, Ivailo Kalfin, Jan Kozłowski, Alain Lamassoure, Giovanni La Via, George Lyon, Barbara Matera, Claudio Morganti, Dominique Riquet, Potito Salatto, László Surján, Helga Trüpel, Derek Vaughan, Angelika Werthmann
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	François Alfonsi, Peter Jahr, Jan Mulder, Juan Andrés Naranjo Escobar, Paul Rübig, Adina-Ioana Vălean
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Derk Jan Eppink

5.3.2012

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET KOSTITUZZJONALI

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimmodifika l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
(02074/2011 – C7-0090/2011 – 2011/0901(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Morten Messerschmidt

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-Qorti tal-Ġustizzja (QĠ) qed tipproponi erba' riformi li jridu jiġu approvati mill-Parlament Ewropew (PE) u mill-Kunsill (proċedura leġiżlattiva odinarja, PE u Kunsill f'parità) wara li jkunu ngħataw l-opinjoni tal-Kummissjoni[1].

Kumment ġenerali: Minħabba l-istruttura tal-ġudikatura tal-Unjoni Ewropea, huwa diffiċli li ssir analiżi tal-proposti tal-Qorti: "Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea" waħda li tinkludi "Qorti tal-Ġustizzja", il-"Qorti Ġenerali" u "qrati speċjalizzati"[2] (s'issa t-"Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea" biss), u l-fatt li d-dispożizzjonijiet li jittrattaw l-istruttura u l-funzjonament ta' dawn il-korpi ġudizzjarji huma mifruxa f'erba' testi: it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), l-Istatut tal-Qorti (L-Istatut, protokoll għat-TFUE) u r-Regoli ta' Proċedura (RP), li kollha kemm huma huma interkonnessi u jissupplimentaw lil xulxin.

Il-proposta tal-Qorti fiha erba' punti prinċipali (A. sa D.).

A. <u>It-twaqqif tal-uffiċċju ta' Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja (ara l-Artikoli 1.1. u 2. tal-proposta tal-Qorti)</u>

<u>L-għan tar-riforma</u>

[1] Artikolu 281(2) tat-TFUE.
[2] Artikolu 19(1) tat-TUE.

Jipparteċipa flimkien mal-President tal-Qorti f'kull kawża assenjata lill-Awla Manja. Jissostitwixxi lill-President fil-funzjonijiet ġudizzjarji tiegħu meta jkun impedit milli jattendi. Jassisti jew jissostitwixxi lill-President fil-funzjonijiet tiegħu li ma jkunux ta' natura ġudizzjarja (rappreżentazzjoni, amministrazzjoni, eċċ.).

Kummenti

Il-President, elett mill-Imħalfin kollha minn fosthom għal tliet snin "imexxi l-attivitajiet u d-dipartimenti tal-Qorti; huwa jippresjedi fis-seduti, kif ukoll fid-deliberazzjonijiet."[1].
Bħalma l-Qorti tirrimarka "il-volum ta' xogħol tal-Presidenza żdied ħafna wara t-tkabbir suċċessiv tal-Unjoni, b'mod partikolari għal dak li jirrigwarda r-rappreżentanza u l-amministrazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja."

B. *It-tibdil tal-istruttura tal-Awla Manja u ż-żieda fin-numru ta' Mħallfin li jikkostitwixxuha minn 13 għal 15 (ara l-Artikolu 1.2 tal-proposta tal-Qorti)*

L-għan tar-riforma

Tiżdied il-kapaċità tal-Awla u jiġu involuti aktar Imħallfin fl-attività tagħha.
Il-Presidenti tal-erba' awli ta' Ħames Imħallfin s'issa huma membri permanenti jew "ex officio" tal-Awla Manja. Il-Qorti qed tipproponi li dan jitħassar u li l-Awla Manja tkun magħmula minn 15-il Imħallef[2].

Kummenti

Il-Qorti tirrimarka li attwalment il-President tal-Qorti u l-Presidenti tal-Awli ta' ħames Imħallfin għandhom ammont kbir ta' xogħol, filwaqt li mħallfin oħra jipparteċipaw f'numru relattivament żgħir ta' kawżi assenjati lill-Awla Manja.

C. *Il-possibilità li jiżdiedu Mħallfin ad interim mat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (Artikoli 1.8 u 2 tal-proposta tal-Qorti biex jiġi emendat l-Istatut)*

L-għan tar-riforma

Biex jiġi sostitwit Imħallef tat-Tribunal meta jkun impedit, minħabba raġunijiet mediċi, milli jipparteċipa f'attivitajiet ġudizzjarji għal perjodu li probabbilment ikun ta' iktar minn tliet xhur.

Kummenti

[1] Artikolu 253(3) tat-TFUE, Artikolu 8 tar-Regoli ta' Proċedura (RP)
[2] Artikolu 16(2) tal-Istatut, Artikolu 11b(1) u (2) tar-Regoli ta' Proċedura (RP)

L-Imħallfin ad interim se jintgħażlu minn lista ta' tliet Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja stabbilita mill-Kunsill fuq proposta tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja. L-Imħallef ad interim għandu jibqa' fil-kariga sakemm l-Imħallef li jkun qed jissostitwixxi jkun impedit milli jwettaq il-funzjonijiet tiegħu. Il-Qorti tagħmel l-argument li dan l-arranġament huwa flessibbli u jiggarantixi li l-Imħallfin ikkonċernati jkunu operattivi hekk kif jintgħażlu. Dan japplika wkoll għal Qrati Speċjalizzati stabbiliti skont l-Artikolu 257 tat-TFUE (s'issa hemm biss it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea).

D. *Żieda fin-numru ta' Mħallfin fil-Qorti Ġenerali minn 27 għal 39 (Artikolu 1.7. tal-proposta tal-Qorti)*

L-għan tar-riforma

Il-Qorti Ġenerali titqiegħed f'pożizzjoni li tlaħħaq mal-ammont ta' xogħol b'lura kkawżat min-numru li kulma jmur qed jiżdied ta' każijiet pendenti u jiġi rispettat il-"prinċipju ta' żmien raġonevoli" għall-proċeduri, li jinsab fil-Karta tad-Drittijiet tal-Bniedem u fil-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali.

Kummenti

"Il-Qorti Ġenerali għandha tinkludi mill-inqas imħallef wieħed minn kull Stat Membru.[1]" "...l-imħallfin tal-Qorti Ġenerali għandhom... jinħatru bi ftehim komuni bejn il-gvernijiet tal-Istati Membri għal sitt snin..."[2]. In-numru tagħhom bħalissa huwa ffissat fl-Istatut bħala 27.[3]

Il-Qorti Ġenerali hija kompetenti sabiex tieħu konjizzjoni fl-ewwel istanza tar-rikorsi li jikkonċernaw il-legalità ta' atti leġiżlattivi jew atti tal-Istituzzjonijiet, tal-korpi, tal-uffiċċji jew tal-aġenziji tal-Unjoni[4] bl-eċċezzjoni ta' azzjonijiet imressqa f'ċerti każijiet mill-Istati Membri kontra Istituzzjoni tal-Unjoni jew minn Istituzzjoni kontra Istituzzjoni oħra[5]. Id-deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti Ġenerali jistgħu jkunu suġġetti għall-appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja limitatament għal punti ta' dritt[6]. Il-Qorti Ġenerali għalhekk qed taffaċċja l-parti l-kbira tal-proċedimenti inklużi każijiet ta' natura partikolarment kumplessa b'ammont konsiderevoli ta' informazzjoni fattwali li trid tiġi kkunsidrata bħal kawżi dwar il-kompetizzjoni jew l-għajnuna mill-Istat u l-kawżi li fil-fatt huma numerużi li jirreferu għal applikazzjonijiet għat-trademark Komunitarju. Il-Qorti tiġbed l-attenzjoni dwar in-numru li qed jiżdied ta' kawżi pendenti, minn 787 fl-2000 għal 1300 fl-2010 (+65%).

Il-Qorti tal-Ġustizzja teżamina żewġ possibilitajiet biex isolvi l-problema tal-ammont kbir ħafna ta' xogħol tal-Qorti Ġenerali: It-twaqqif ta' qorti speċjalizzata sabiex tieħu konjizzjoni ta' rikorsi f'oqsma speċifiċi[7] u żieda fin-numru tal-Imħallfin[8].
L-ewwel għażla ssemmiet mill-Qorti nnifisha fir-rigward tal-qasam tal-proprjetà intellettwali[9].

Il-Qorti tal-Ġustizzja waslet għall-konklużjoni li żieda fin-numru ta' Mħallfin hija għażla ħafna aħjar mill-kostituzzjoni ta' qorti speċjalizzata fil-qasam tal-proprjetà intellettwali. Tibbaża ruħha primarjament fuq raġunijiet ta' effikaċja, urġenza u flessibilità.
Skont dan ir-raġunament, l-effikaċja akbar imfittxija permezz tal-ispeċjalizzazzjoni tista' tintlaħaq bl-istess mod billi jinħolqu awli f'Qorti Ġenerali. Żieda fin-numru ta' Mħallfin u l-

[1] Artikolu 19(2), it-tieni subparagrafu tat-TUE
[2] Artikolu 19(2), it-tielet subparagrafu tat-TUE
[3] Artikolu 254(1) tat-TFUE u Artikolu 48 tal-Istatut
[4] Artikolu 256(1), l-ewwel subparagrafu tat-TFUE
[5] Artikolu 51 tal-Istatut
[6] Artikolu 256(1), it-tieni subparagrafu tat-TFUE
[7] Skont l-Artikolu 257 tat-TFUE
[8] Skont l-Artikoli 19(20 tat-TUE, 254(1) tat-TFUE u 48 tal-Istatut
[9] dokument mibgħut lill-President tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-22 ta' Diċembru 2009

ħatra tagħhom tieħu inqas żmien mit-twaqqif ta' tribunal ġdid. Fir-rigward tal-flessibilità, il-Qorti tgħid li Qorti Ġenerali tista' faċilment tadatta r-riżorsi umani tagħha għall-ammont li jinbidel ta' kawżi f'oqsma differenti tal-kontroversji.

Il-Qorti Ġenerali tiġġustifika l-proposta tagħha li tinħoloq Qorti speċjalizzata b'dan il-mod: L-idea tar-riforma tal-ġudikatura introdotta bit-Trattat ta' Nizza u kkonfermata bit-Trattat ta' Lisbona kienet li jintużaw qrati speċjalizzati biex sa fejn ikun possibbli jieħdu konjizzjoni ta' ta' kawżi fil-prim istanza. Azzjonijiet fil-qasam tal-proprjetà intellettwali huma idealment adattati għal trasferiment tal-ġurisdizzjoni favur qorti speċjalizzata ta' dan it-tip peress li dan il-qasam huwa speċifiku, omoġenju u ddefinit b'mod ċar. Dan it-tip ta' każijiet diġà għandu bħalissa post konsiderevoli fl-ammont globali ta' kawżi tal-Qorti Ġenerali, b'mod li jirrappreżenta madwar terz. L-Imħallfin, référendaires u uffiċjali, jekk ikunu magħżula għall-għarfien espert tagħhom f'qasam partikolari, ikunu aktar produttivi, kemm f'termini ta' kwantità kif ukoll ta' kwalità. L-eżempju tat-Tribunal Ewropew għas-Servizz Pubbliku juri li żieda fil-produttività timxi id f'id ma' tnaqqis fl-ispiża. Żidied suċċessivi fin-numru ta' Mħallfin tal-Qorti Ġenerali ma jidhrux li huma soluzzjoni vijabbli għall-problema tal-ammont kbir ħafna ta' xogħol li se terġa' titfaċċa fil-ġejjieni.

Il-proposta tal-Qorti tal-Ġustizzja ma tittrattax il-kwistjoni ta' kif se jinħatru t-12-il Imħallef addizzjonali. Għalhekk tapplika r-regola ġenerali ta' "bi ftehim komuni bejn il-gvernijiet tal-Istati Membri", li diġà ġiet ikkwotata aktar 'il fuq, jew ikollha tiddaħħal xi forma ta' sistema ta' rotazzjoni.

Possibilità oħra biex tittaffa t-tagħbija tal-Qorti Ġenerali tkun tikkonsisti fir-reservazzjoni ta' aktar tipi ta' azzjonijiet għall-Qorti tal-Ġustizzja minn dak li hu l-każ bħalissa, bi qbil mal-Artikolu 51 tal-Istatut, peress li l-Qorti tal-Ġustizzja tidher li mhijiex mgħobbija żżejjed bl-istess mod bħall-Qorti Ġenerali.

E. <u>L-introduzzjoni ta' "opinjoni kuntrarja" fil-Qorti tal-Ġustizzja</u>

Opinjoni kuntrarja hija l-possibilità għal imħallef li jkollu opinjoni diverġenti dwar is-sentenza prevista mill-maġġoranza tal-imħallfin jew dwar ir-raġunijiet li fuqhom tkun ibbażata, li jħabbar din l-opinjoni fid-deliberazzjonijiet u li jippubblikaha flimkien mas-sentenza. Hija għalhekk eċċezzjoni għall-prinċipju tas-segretezza tad-deliberazzjonijiet. L-idea li jkun hemm il-possibilità ta' opinjoni kuntrarja bħal din fil-proċeduri tal-Qorti tal-Ġustizzja mhijiex ġdida. Hemm raġunijiet validi għalfejn għandu jiddaħħal dan l-istitut. Jeżisti f'numru konsiderevoli ta' Qrati Kostituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, aktar preċiżament f'disa' minnhom: id-Danimarka, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, il-Portugall, Spanja, l-Isvezja u r-Renju Unit, mingħajr ma tiġi kkontestata, mingħajr ma tiddisturba l-kolleġjalità tal-Qorti u mingħajr ma ddgħajjef ir-reputazzjoni tagħha. Jeżisti wkoll fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, fejn huwa prattika komuni. Madankollu, jekk għandu jiġi introdott, dan għandu jsir b'mod li ma jipperikolax l-indipendenza tal-Imħallfin, filwaqt li huwa meħtieġ dibattitu estensiv dwar din il-kwistjoni.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 1

Abbozz tal-Qorti tal-Ġustizzja	*Emenda*
(1) Sabiex ***tissaħħaħ il-parteċipazzjoni tal-Imħallfin*** kollha ***fid-deċiżjonijiet tal-Awla*** Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja, għandu jiżdied in-numru ta' Mħallfin li jistgħu jipparteċipaw f'dan il-kulleġġ ġudikanti, u l-parteċipazzjoni sistematika tal-Presidenti tal-awli b'ħames Imħallfin għandha titneħħa.	(1) Sabiex ***ikun hemm parteċipazzjoni usa' mill-Imħallfin*** kollha ***u sabiex ikunu jistgħu jkunu preżenti b'mod iktar frekwenti f'kawżi assenjati lill-Awla*** Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja, għandu jiżdied in-numru ta' Mħallfin li jistgħu jipparteċipaw f'dan il-kulleġġ ġudikanti, u l-parteċipazzjoni sistematika tal-Presidenti tal-awli b'ħames Imħallfin għandha titneħħa.

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Abbozz tal-Qorti tal-Ġustizzja	*Emenda*
	(1a) Żieda fir-riżorsi għandha tipprovdi opportunità għall-organizzazzjoni mill-ġdid ta' proċeduri fil-kategorija tal-"kawżi l-oħra" skont il-prijorità, b'mod partikolari l-kawżi dwar il-kompetizzjoni, fejn il-konformità ma' skadenza raġonevoli għandha tingħata attenzjoni speċjali.

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 1b (ġdida)

Abbozz tal-Qorti tal-Ġustizzja	*Emenda*
	(1b) Żieda fin-numru tal-Imħallfin mhijiex biżżejjed sabiex jiġi indirizzat id-dewmien. Huwa neċessarju wkoll li xi wħud mill-Awli jaħdmu fuq linji aktar speċjalizzati, biex b'hekk jittejbu l-flessibilità u l-konklużjoni tax-xogħol fil-Qorti Ġenerali.

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 5

Abbozz tal-Qorti tal-Ġustizzja	*Emenda*
(5) Wara ż-żieda gradwali tal-kompetenzi tagħha minn mindu ġiet ikkostitwita, in-numru ta' kawżi li qed jitressqu quddiem il-Qorti Ġenerali qed jikber b'mod kostanti.	(5) Wara ż-żieda gradwali tal-kompetenzi tagħha minn mindu ġiet ikkostitwita, in-numru ta' kawżi li qed jitressqu quddiem il-Qorti Ġenerali qed jikber b'mod kostanti ***u d-dewmien fil-proċedimenti qed jiżdied ukoll***.

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 9

Abbozz tal-Qorti tal-Ġustizzja	*Emenda*
(9) Konsegwentement, għandhom jiġu adottati miżuri sabiex din is-sitwazzjoni tiġi indirizzata, u l-possibilità, prevista fit-Trattati, li jiżdied in-numru ta' Mħallfin mal-Qorti Ġenerali, hija ta' natura li tippermetti li jitnaqqas, fi żmien qasir, kemm il-volum tal-kawżi pendenti kif ukoll it-tul eċċessiv tal-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali.	(9) Konsegwentement, għandhom jiġu adottati miżuri sabiex din is-sitwazzjoni tiġi indirizzata, u l-possibilità, prevista fit-Trattati, li jiżdied in-numru ta' Mħallfin mal-Qorti Ġenerali ***minn 27 għal 39***, hija ta' natura li tippermetti li jitnaqqas, fi żmien qasir, kemm il-volum tal-kawżi pendenti kif ukoll it-tul eċċessiv tal-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali. ***Bl-istess mod, l-allokazzjoni aktar effikaċi tal-kawżi tal-Qorti Ġenerali lill-Awli adatti tista' tillimita b'mod sinifikanti d-***

dewmien fil-proċeduri.

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 9a (ġdida)

Abbozz tal-Qorti tal-Ġustizzja	*Emenda*
	(9a) Ladarba n-numru tal-Imħallfin tal-Qorti Ġenerali jiżdied, ovvjament se titqajjem il-kwistjoni tal-ħatra tagħhom. Fir-rigward tas-sistema tal-ħatra ta' Mħallfin, l-Istati Membri għandhom jaqblu fuq regoli li jipprovdu l-garanziji kollha fir-rigward tal-indipendenza, l-imparzjalità, il-kompetenza u l-idonjetà tal-persuni maħtura, kif ukoll jiżguraw il-parità u l-ekwilibriju fil-livell tal-Istati Membri ta' oriġini tagħhom.

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 9b (ġdida)

Abbozz tal-Qorti tal-Ġustizzja	*Emenda*
	(9b) Il-prinċipju bażiku għandu jkun li l-Qorti Ġenerali għandha tikkonsisti f'tal-anqas Imħallef wieħed u mhux aktar minn żewġ Imħallfin li jkollhom iċ-ċittadinanza ta' kull Stat Membru.

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 9c (ġdida)

Abbozz tal-Qorti tal-Ġustizzja	*Emenda*
	(9c) Sabiex tiżdied l-effikaċja tal-funzjonament tal-Qorti Ġenerali u jiġi żgurat li t-trattament u l-ġudizzju tal-

	kawżi jseħħu fi żmien raġonevoli, il-Qorti Ġenerali għandu jkollha l-possibbiltà li tistabbilixxi Awli speċjalizzati kull meta dan ikun neċessarju, skont l-għadd ta' kawżi pendenti f'qasam partikolari.

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 9d (ġdida)

Abbozz tal-Qorti tal-Ġustizzja	*Emenda*
	(9d) Fir-rigward tal-organizzazzjoni interna tal-Qorti Ġenerali, huwa wkoll iġġustifikat, insegwitu tas-soluzzjoni adottata għall-Qorti tal-Ġustizzja, il-ħolqien ta' kariga ta' Viċi President li jkun inkarigat jassisti lill-President.

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 10

Abbozz tal-Qorti tal-Ġustizzja	*Emenda*
(10) Sabiex il-qrati speċjalizzati jkunu jistgħu jkomplu jiffunzjonaw b'mod sodisfaċjenti fl-assenza ta' Mħallef li, għalkemm ma jkunx qed ibati minn diżabilità li titqies bħala totali, ma jkunx jista' jipparteċipa fil-qtugħ tal-kawżi għal żmien twil, għandha tiġi prevista l-possibilità li jiżdiedu Mħallfin ad interim ma' dawn il-qrati.	(10) Sabiex il-qrati speċjalizzati jkunu jistgħu jkomplu jiffunzjonaw b'mod sodisfaċjenti fl-assenza ta' Mħallef li, għalkemm ma jkunx qed ibati minn diżabilità li titqies bħala totali, ma jkunx jista' jipparteċipa fil-qtugħ tal-kawżi għal żmien twil, għandha tiġi prevista l-possibilità li jiżdiedu Mħallfin ad interim ma' dawn il-qrati. ***Il-ħatra ta' Imħallfin ad interim għandha toffri l-garanziji kollha fir-rigward tal-indipendenza, l-imparzjalità, il-kompetenza u l-idonjetà tal-persuni maħtura, kif ukoll tiżgura l-parità u l-ekwilibriju fil-livell tal-Istati Membri ta' oriġini tagħhom.***

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Abbozz tal-Qorti tal-Ġustizzja	*Emenda*
	(10a) Sabiex jiġi evitat kull dubju dwar l-awtorità tal-Imħallfin ad interim, huwa importanti ħafna li jiġu eletti b'mod li ma jikkompromettix l-awtorità tal-Qorti u li jiżgura l-indipendenza totali tagħhom.

Emenda 12

Proposta għal regolament
Premessa 10b (ġdida)

Abbozz tal-Qorti tal-Ġustizzja	*Emenda*
	(10b) L-Imħallfin ad interim għandhom ikunu suġġetti għall-obbligi tal-indipendenza, l-imparzjalità, il-kompetenza u l-ħila u jgawdu l-istess drittijiet, fit-twettiq ta' dmirijiethom, bħall-Imħallfin permanenti.

Emenda 13

Proposta għal regolament
Premessa 10c (ġdida)

Abbozz tal-Qorti tal-Ġustizzja	*Emenda*
	(10c) Filwaqt li hemm bżonn li l-Qorti tal-Ġustizzja tintroduċi mekkaniżmu li jippermetti li jiġu espressi opinjonijiet kuntrarji, dan m'għandux jipperikola l-indipendenza tal-Imħallfin; din il-kwistjoni għandha tkun suġġetta għal dibattitu approfondit fost l-esperti, il-prattikanti tad-dritt u l-partijiet l-oħra kkonċernati.

Emenda 14

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)

Abbozz tal-Qorti tal-Ġustizzja	*Emenda*
	6a. L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 għandu jiġi sostitwit b' dan li ġej:
	"L-Artikolu 9a, l-Artikolu 14 u l-Artikolu 15, l-ewwel, it-tieni, ir-raba' u l-ħames paragrafi tal-Artikolu 17, u l-Artikolu 18 għandhom japplikaw għall-Qorti Ġenerali u għall-membri tagħha."

Emenda 15

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Abbozz tal-Qorti tal-Ġustizzja	*Emenda*
7. ***Fl-Artikolu 48, in-numru "sebgħa u għoxrin"*** huwa sostitwit ***bin-numru "disgħa u tletin"***.	7. ***L-Artikolu 48*** huwa sostitwit ***b'dan li ġej:***
	"Il-Qorti Ġenerali għandha tikkonsisti minn disgħa u tletin Imħallef.
	Meta, kull tliet snin, ikun hemm sostituzzjoni parzjali tal-Imħallfin, għandhom jiġu sostitwiti alternattivament għoxrin u dsatax-il Imħallef."

Emenda 16

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7a (ġdid)

Abbozz tal-Qorti tal-Ġustizzja	*Emenda*
	7a. Il-paragrafu li ġej għandu jiżdied mal-Artikolu 48:
	"L-Istati Membri għandhom jiġu rappreżentati minn tal-anqas Imħallef wieħed iżda minn mhux aktar minn żewġ Imħallfin tan-nazzjonalità tagħhom."

Emenda 17

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7b (ġdid)

Abbozz tal-Qorti tal-Ġustizzja	*Emenda*
	7b. Il-paragrafu li ġej jiddaħħal wara l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 50:
	"Sabiex jiġu ttrattati kwistjonijiet li fuqhom hemm numru għoli ta' kawżi pendenti, il-Qorti Ġenerali tista' tistabbilixxi numru adatt ta' Awli speċjalizzati li lihom jiġu allokati l-proċeduri fil-kwistjonijiet inkwistjoni. "

Emenda 18

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8

Abbozz tal-Qorti tal-Ġustizzja	*Emenda*
Fl-Artikolu 62 c, għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej:	Fl-Artikolu 62 c, għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
"Il-Parlament u l-Kunsill, li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 257 TFUE, jistgħu jżidu Mħallfin ad interim mal-qrati speċjalizzati sabiex jissostitwixxu l-Imħallfin assenti li, għalkemm ma jkunux qed ibatu minn diżabilità li titqies bħala totali, ma jistgħux, għal żmien twil, jipparteċipaw fil-qtugħ tal-kawżi. F'dan il-każ, il-Parlament u l-Kunsill għandhom jistabbilixxu l-kondizzjonijiet li fihom l-Imħallfin ad interim jinħatru, id-drittijiet u l-obbligi tagħhom, il-modalitajiet li jirregolaw l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom u ċ-ċirkostanzi li fihom jieqfu jeżerċitaw tali funzjonijiet."	"Il-Parlament u l-Kunsill, li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 257 TFUE, jistgħu jżidu Mħallfin ad interim mal-qrati speċjalizzati sabiex jissostitwixxu l-Imħallfin assenti li, għalkemm ma jkunux qed ibatu minn diżabilità li titqies bħala totali, ma jistgħux, għal żmien twil, jipparteċipaw fil-qtugħ tal-kawżi. F'dan il-każ, il-Parlament u l-Kunsill għandhom jistabbilixxu l-kondizzjonijiet li fihom l-Imħallfin ad interim jinħatru, id-drittijiet u l-obbligi tagħhom, il-modalitajiet li jirregolaw l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom u ċ-ċirkostanzi li fihom jieqfu jeżerċitaw tali funzjonijiet. ***Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiżguraw, barra minn hekk, li l-Imħallfin ad interim igawdu mill-istess drittijiet u huma intitolati li jassumu l-istess funzjonijiet***

bħall-Imħallfin permanenti, sabiex tiġi garantita l-awtorità mhux kompromessa tas-sentenzi tal-Qorti."

(Din l-emenda tissostitwixxi l-Emenda 4 tal-abbozz ta' opinjoni (PE 470.092 v01-00))

Emenda 19

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2a (ġdid)

Abbozz tal-Qorti tal-Ġustizzja	*Emenda*
	2a. It-tnax-il Imħallef maħtura wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom jidħlu fil-kariga tagħhom immedjatament wara li jieħdu l-ġurament. Sitta minn fosthom għandhom jintgħażlu bix-xorti u l-mandat tagħhom għandu jintemm wara li jgħaddu sitt snin mill-ewwel sostituzzjoni parzjali tal-Qorti Ġenerali wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Il-mandat tas-sitt Imħallfin l-oħra jintemm sitt snin wara t-tieni sostituzzjoni parzjali tal-Qorti Ġenerali wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

PROĊEDURA

Titolu	Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimmodifika l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
Referenzi	02074/2011 – C7-0090/2011 – 2011/0901(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 7.4.2011
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AFCO 15.9.2011
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Morten Messerschmidt 12.7.2011
Eżami fil-kumitat	11.10.2011
Data tal-adozzjoni	28.2.2012

Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 20 –: 0 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Alfredo Antoniozzi, Andrew Henry William Brons, Andrew Duff, Ashley Fox, Zita Gurmai, Gerald Häfner, Daniel Hannan, Stanimir Ilchev, Constance Le Grip, Jaime Mayor Oreja, Morten Messerschmidt, Paulo Rangel, Algirdas Saudargas, József Szájer, Søren Bo Søndergaard, Rafał Trzaskowski, Luis Yáñez-Barnuevo García
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	John Stuart Agnew, Elmar Brok, Vital Moreira, Evelyn Regner, György Schöpflin, Tadeusz Zwiefka
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Leonardo Domenici

PROĊEDURA

Titolu	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimmodifika l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea		
Referenzi	02074/2011 – C7-0090/2011 – 2011/0901A(COD)		
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 7.4.2011		
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 29.9.2011	AFCO 15.9.2011	
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Alexandra Thein 12.4.2011		
Eżami fil-kumitat	21.6.2011	21.11.2011	26.1.2012
Data tal-adozzjoni	31.5.2012		
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 23 –: 0 0: 0		
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Raffaele Baldassarre, Luigi Berlinguer, Sebastian Valentin Bodu, Françoise Castex, Christian Engström, Marielle Gallo, Giuseppe Gargani, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Gerald Häfner, Sajjad Karim, Klaus-Heiner Lehne, Antonio Masip Hidalgo, Evelyn Regner, Rebecca Taylor, Alexandra Thein, Cecilia Wikström, Zbigniew Ziobro, Tadeusz Zwiefka		
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Sergio Gaetano Cofferati, Luis de Grandes Pascual, Eva Lichtenberger, Axel Voss		
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Mikael Gustafsson, Elisabeth Morin-Chartier		
Data tat-tressiq	5.6.2012		